

Paġna ewlenija>Drittijietek>Il-Vittmi ta' delitti(għalkemm hawnhekk tista' tfisser ukoll tal-kriminalità)>Drittijiet tal-vittmi - skont il-pajjiż
Drittijiet tal-vittmi - skont il-pajjiż

Ungerija

Int titqies vittma ta' reat jekk tiġi leż permezz ta' att li skont il-liġi Ungeriża jitqies bħala reat, pereżempju jekk issofri korriment jew jekk il-proprjetà tiegħek issirilha l-ħsara jew tinsteraq. Bħala vittma ta' reat, bil-liġi Ungeriża għandek diversi drittijiet, qabel, matul u wara l-proċeduri tal-qorti (il-proċess). Inti tista' titlob informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi tiegħek fi proċedimenti kriminali mingħand l-awtorità tal-investigazzjoni, mingħand l-avukat ġenerali jew mingħand il-qorti, skont l-istadju tal-proċedimenti.

Il-proċedimenti kriminali Ungeriżi jibdew b'investigazzjoni. L-investigazzjoni ġeneralment titwettaq mill-pulizija, taħt is-superviżjoni tal-avukat ġenerali. Għaladarba l-investigazzjoni titlesta, jew l-avukat ġenerali jiddeċiedi li jressaq l-akkużi u l-każ jressaq quddiem il-qorti, jew inkella l-każ jingħalaq fil-fażi tal-investigazzjoni minħabba nuqqas ta' evidenza jew minħabba li r-responsabbiltà penali hija prekluzja jew għax ma għadhiex tapplika.

Jekk il-każ jressaq quddiem il-qorti, il-qorti teżamina l-evidenza miġbura u tiddeċiedi jekk l-akkużat huwiex ħati jew le. Fi proċedimenti kriminali Ungeriżi (ħlief għal xi forum ta' proċedimenti), il-qorti tista' tiġbor l-evidenza direttament waqt seduta pubblika, għalhekk int tista' titressaq għas-seduta tal-qorti u tiġi eżaminat bħala xhud. L-akkużat, jekk jinstab ħati, jiġi kkundannat u jingħata s-sentenza. Jekk l-akkużat ma jinstabx ħati, jiġi liberat.

Ikklikkja fuq il-links ta' hawn taħt sabiex issib it-tagħrif li teħtieġ:

1 - Drittijiet bħala vittma ta' reat

2 - Ir-rappurtar ta' reat u d-drittijiet tiegħi waqt l-investigazzjoni jew il-proċess

3 - Id-drittijiet tiegħi wara l-proċess

4 - Kumpens

5 - Id-drittijiet tiegħi f'dak li għandu x'jaqsam ma' appoġġ u assistenza

L-aħħar aġġornament: 04/09/2018

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

1 - Drittijiet bħala vittma ta' reat

X'informazzjoni se nieħu mingħand l-awtorità (pereż. il-pulizija, il-prosekutur pubbliku) wara li jkun seħħ ir-reat iżda qabel saħansitra nirrapporta r-reat?

L-Att dwar il-Proċedimenti Kriminali jeħtieġ li l-qorti, il-prosekutur u l-awtorità tal-investigazzjoni jinformaw lill-persuni soġġetti għal attivitajiet ta' infurzar dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom qabel kwalunkwe att proċedurali.

Ir-reati ġeneralment jiġu **rapportati** quddiem il-prosekutur pubbliku jew l-awtorità tal-investigazzjoni b'mod orali jew bil-miktub. Ir-rapport jista' jiġi aċċettat ukoll minn awtorità oħra jew mill-qorti, li tibgħat dak ir-rapport lill-awtorità tal-investigazzjoni. Il-liġi ma tistipula ebda formalità għar-rapportar ta' reat; ir-reati jistgħu jiġu rapportati b'ittra, bil-posta jew b'ittra elettronika, jew b'mod personali.

Il-proċedimenti kriminali jsiru bl-**Ungeriż**, iżda vittma li ma tafx bl-Ungeriż ikollha l-possibbiltà li tuża l-ilsien nattiv tagħha jew kwalunkwe lingwa oħra li tagħżel. Anki jekk il-vittma taf titkellem bl-Ungeriż, din tista' tuża l-lingwa nazzjonali tagħha fil-proċedimenti kriminali. L-ispejjeż tat-traduzzjoni u tal-interpretazzjoni ma jingħaddux lill-vittma, u l-vittma ma tistax tiġi obligata tħallas bil-quddiem jew iġġarrab it-tali spejjeż.

Il-vittma tar-reat tkun intitolata għall-appoġġ mis-**servizz ta' appoġġ għall-vittmi** fil-każ ta' persuni fiżiċi li kontrihom jitwettqu reat jew trasgressjoni kontra l-proprjetà fit-territorju tal-Ungerija u f'każ li kwalunkwe persuna fiżika li ġġarrab danni bħala konsegwenza diretta ta' atti jew ta' reati kriminali kontra l-proprjetà mwettqa fit-territorju tal-Ungerija, b'mod partikolari ħsara fiżika jew emottiva, xokk mentali jew telf ekonomiku, bil-patt li din tkun: ċittadin tal-Ungerija, ċittadin ta' kwalunkwe Stat Membru tal-UE, ċittadin ta' kwalunkwe pajjiż mhux tal-UE li jirresjedi legalment fit-territorju tal-Unjoni Ewropea, persuna apolida li tirresjedi legalment fit-territorju tal-Ungerija, vittma ta' traffikar tal-bnedmin jew kwalunkwe persuna oħra meqjusa eliġibbli permezz ta' trattati internazzjonali konklużi bejn l-istat rispettiv tan-nazzjonalità tagħha u l-Ungerija jew fuq il-bażi ta' reċiproċità.

L-Istat jipprovdi servizzi ta' appoġġ għall-vittmi wara li jivvaluta l-ħtiġijiet tagħhom, li jistgħu jinkludu: l-iffaċilitar tal-protezzjoni tal-interessi tal-vittmi, l-għoti ta' għajjnuna monetarja istantanja, l-għoti ta' prova ta' status ta' vittma, protezzjoni tax-xhieda, u l-provvista ta' akkomodazzjoni protetta. Jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet definiti legalment, il-vittma tkun intitolata għal kumpens mill-istat ukoll.

Barra minn hekk, il-**protezzjoni personali ta' vittma** tista' tiġi ordnata jekk ikunu ppjanati jew jitwettqu atti ta' vjolenza kontra persuni jew reati li joħolqu periklu kollettiv għall-persuni kontra l-vittmi bħala impediment jew xkiel għall-parteċipazzjoni tagħhom fi proċedimenti kriminali jew għall-infurzar ta' drittijietom u għall-eżekuzzjoni tal-obbligi tagħhom jew jekk reat bħal dan ikun probabbli. L-applikazzjonijiet jistgħu jiġu ppreżentati jew reġistrati quddiem il-qorti, il-prosekutur ġenerali jew l-awtorità tal-investigazzjoni li tmexxi l-proċediment kriminali.

Biex tiġi żgurata l-prevenzjoni jew l-interruzzjoni tar-reati kontra l-integrità fiżika jew il-libertà ta' persuna, il-protezzjoni personali tkopri l-protezzjoni tad-dar privata tal-vittma jew ta' post ta' residenza ieħor tagħha kif ukoll is-sigurtà fir-rotot tat-triq u l-parteċipazzjoni sikura fil-proċedimenti kriminali u f'atti uffiċjali oħra.

Il-protezzjoni personali tiġi pprovduta b'mod partikolari permezz ta' servizz regolari ta' pattulja, b'mezzi tekniċi, b'konnessjonijiet ta' komunikazzjoni kontinwa, bil-provvista ta' lbies protettivi u, jekk metodi oħra ta' protezzjoni personali ma jkunux effettivi, minn persunal tal-għassa, li jista' jiġi pprovdut fil-post ġestit mill-korp tal-infurzar tal-liġi awtorizzat biex jordna u jipprovdi protezzjoni personali.

Jekk il-protezzjoni ta' vittma li tieħu sehem fi proċedimenti kriminali ta' gravità eċċezzjonali ma tkunx tista' tiġi żgurata permezz ta' protezzjoni personali, u l-vittma tikkoopera mal-awtorità u tkun f'sitwazzjoni mhedda u, għalhekk, ikun hemm bżonn li jiġu pprovduti arranġamenti speċjali ta' salvagwardja, il-vittma tista' tieħu sehem ukoll fi programm ta' protezzjoni tax-xhieda li jipprovdi arranġamenti speċjali ta' salvagwardja jekk jiġu ssodisfati kundizzjonijiet addizzjonali speċifiċi.

F'ċerti każijiet, il-vittma tkun intitolata għal **rappreżentazzjoni permezz ta' ħabib flitigazzjoni** u, jekk tkun qed taġixxi bħala prosekutur privat sostitut, tkun intitolata għal għajjnuna legali. Bħala regola ġenerali, il-kundizzjoni ta' dawn hi li l-vittma tkun teħtieġhom, jiġifieri, b'kunsiderazzjoni tal-introjtu tal-persuni li jgħixu taħt l-istess saqaf, l-introjtu nett fix-xahar tal-vittma ma jaqbiżx l-ammont minimu rispettiv ta' pensjoni ta' ritrar determinat fuq il-bażi ta' relazzjoni tax-xogħol (HUF 28 500 fl-2017) u din ma jkollha ebda assi li jista' jkopri s-servizz legali.

Il-vittma tista' tkun intitolata li **tissieħeb f'kawża ċivili** biex tftitx kumpens għad-danni li jirriżultaw minn reat kriminali kontra l-konvenut fi kwalunkwe stadju tal-proċedimenti kriminali. Biex tiżgura li tkun koperta t-talba ċivili tagħha, tista' tressaq mozzjoni għal sekwestru kontra l-proprjetà tal-konvenut li jiġi ordnat mill-qorti jekk ikun hemm motivazzjonijiet raġonevoli għalix jiġi supponut li s-sodisfazzjon tat-talba mhux se jitħalla jiġi eżegwit. Il-qorti tiddeċiedi dwar it-talba ċivili f'sentenza, li tilqa' jew tiċħad il-mozzjoni. Jekk din tkun iġġib magħha dewien konsiderevoli għall-konklużjoni tal-proċedura, jew jekk il-konvenut joħroġ liberat, jew jekk l-aġġudikazzjoni tal-mozzjoni fuq il-merti tagħha fil-proċedimenti kriminali tiġi prekluzja minħabba kundizzjonijiet oħra, il-qorti tordna l-infurzar tat-talba ċivili b'mezzi legali oħra.

Il-vittma għandha d-dritt li tiegħu sehem fi **proċedura ta' medjazzjoni** mal-konvenut taħt kundizzjonijiet speċifiċi. Il-proċedura ta' medjazzjoni ma tistax issir mingħajr il-kunsens tal-vittma, u anki f'każ li l-kunsens tal-vittma ma jkunx awtomatiku u jiddependi minn haġna kundizzjonijiet oħra.

L-**ispejjeż li joħroġ minn buthom** il-vittma u r-rappreżentant tagħha li jiġġarrbu matul il-kawża huma spejjeż tal-proċedimenti kriminali, u hekk ukoll ikunu l-ispejjeż tal-vittma li jiġġarrbu b'rabta mal-**preżenza tagħha bħala xhud**. Filwaqt li dawk imsemmija l-ewwel ma jitħallsux bil-quddiem mill-Istat, dawn tal-aħħar jitroddu lura wara l-azzjoni proċedurali. Il-konvenut jiġi ordnat iġarrab l-ispejjeż tal-proċedimenti kriminali jekk il-konvenut jiġi ddkjarat haġi.

Jien ma ngħix fil-pajjiż tal-UE fejn seħħ ir-reat (ċittadini tal-UE u dawk li mhumiex). Kif inhuma protetti drittijiet?

L-Att dwar il-Proċedimenti Kriminali jipprovdi għall-protezzjoni tad-drittijiet fir-rigward tal-proċedimenti li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Ungerija indipendentement min-nazzjonalità u mill-post ta' residenza. Is-servizz ta' appoġġ għall-vittmi jipprovdi l-istess servizzi liċ-ċittadini ta' kwalunkwe Stat Membru tal-UE bħaċ-ċittadini Ungeriżi.

Jekk nirrapporta reat, x'informazzjoni nirdievi?

Il-vittma tiġi **notifikata individwalment** biss dwar id-deċiżjoni li tordna l-investigazzjoni jekk ir-reat ma jiġix rapportat mill-vittma. Barra minn hekk, l-Att dwar il-Proċedimenti jiddefinixxi sitwazzjonijiet u deċiżjonijiet li dwarhom trid tiġi notifikata l-vittma.

Il-vittma għandha d-dritt li tiġi notifikata fuq talba tagħha, b'rabta mar-reat li jikkonċernaha, dwar il-ħelsien jew il-ħarba tal-persuna detenuta, il-libertà kondizzjonata, ir-rilaxx finali jew il-ħarba kif ukoll l-interruzzjoni tal-eżekuzzjoni tal-piena l-ħabs tal-persuna sentenzjata għal priġunerija, il-ħelsien jew il-ħarba tal-persuna sentenzjata għal arrest taħt kustodja kif ukoll l-interruzzjoni tal-eżekuzzjoni tal-arrest taħt kustodja, il-ħelsien jew il-ħarba tal-persuna taħt trattament mediku involontarju, il-ħelsien, it-tluq mingħajr permess u l-liv ta' adattament tal-persuna taħt trattament mediku involontarju u, fil-każ tal-edukazzjoni għal trasgressuri żgħażaġh, il-ħelsien temporanju jew permanenti, it-tluq mill-istituzzjoni mingħajr permess u l-interruzzjoni tal-edukazzjoni għal trasgressuri żgħażaġh.

Il-vittma trid tiġi notifikata dwar id-deċiżjonijiet li ġejjin b'mod partikolari: l-assenjament ta' espert, is-sospensjoni tal-investigazzjoni, il-konklużjoni tal-investigazzjoni, it-terminazzjoni tal-investigazzjoni, l-akkuża, l-omissjoni parzjali tal-akkuża, it-twaqqiġ tal-akkuża, u l-adozzjoni ta' kwalunkwe deċiżjoni li fiha dispożizzjonijiet li jappartjenu b'mod dirett għall-vittma, kif ukoll l-adozzjoni ta' deċiżjoni konklużiva.

Il-vittma trid tiġi informata dwar **il-post u d-data tal-azzjonijiet proċedurali kollha** fejn hi tista' tiegħu sehem. Azzjonijiet bħal dawn jinkludu s-smiġh ta' espert matul l-investigazzjonijiet, l-ispezzjonijiet, ir-rikostruzzjonijiet, il-preżentazzjonijiet għall-identifikazzjoni, kif ukoll il-proċessi u s-sessjonijiet miftuħa matul il-proċeduri tal-qorti.

Matul l-investigazzjoni, il-vittma **tista' ssir taf dwar u, bi ħlas, tikseb, kopji ta'** kwalunkwe perizja u fajls dwar l-azzjonijiet investigattivi li matulhom tista' tkun preżenti, u tista' tikseb kopji ta' dokumenti oħra jekk dan ma jkunx imur kontra l-interessi tal-investigazzjoni. Wara l-konklużjoni tal-investigazzjoni, il-vittma titħalla teżamina kwalunkwe dokument li jappartjeni għar-reat kriminali mwettaq kontra.

Matul l-investigazzjoni, il-vittma tista' tippreżenta **appell** jew kwerele kontra kull deċiżjoni li jkun fiha dispożizzjonijiet li jappartjenu għaliha b'mod dirett. Il-vittma tista' tippreżenta kwerele kontra, fost affarijiet oħra, deċiżjonijiet li jiċħdu r-rapport tagħha tar-reat jew deċiżjonijiet li jissospendu jew jittterminaw l-investigazzjoni.

Jekk ir-rapport tar-reat jiġi miċħud jew l-investigazzjoni tiġi terminata, u f'ċerti każijiet meta jitressqu akkużi formali fir-rigward ta' parti mill-atti tal-akkuża u l-kwerale tal-vittma ma waslitx għar-riżultat mixtieq, il-vittma tista' taġixxi bħala prosekutur privat sostitut fi ħdan skadeza stipulata bil-liġi. Il-vittma tista' taġixxi wkoll bħala prosekutur privat sostitut jekk il-prosekutur ma jistabbilixxi, bħala riżultat tal-investigazzjoni, reat kriminali li jkun soġġett għal prosekuzzjoni pubblika jew jekk il-prosekutur ma jkunx ħa taħt ir-responsabbiltà tiegħu r-rappreżentazzjoni tal-prosekutur mingħand il-prosekutur privat. Vittma li taġixxi bħala prosekutur privat sostitut tista', permezz tal-avukat tagħha, tressaq mozzjoni għal prosekuzzjoni, u b'hekk tista' tippreżenta akkuża waħedha kontra l-konvenut.

Matul il-proċedura tal-qorti, il-vittma tista' tappella biss kontra l-aġġudikazzjoni tat-talba ċivili fil-merti tagħha, iżda mhux kontra d-deċiżjoni fil-merti tagħha.

Matul il-proċedura tal-qorti, il-vittma tista' taġixxi bħala prosekutur privat sostitut jekk il-prosekutur iwaqqa' l-akkuża.

Għandi dritt għal servizzi ta' interpretazzjoni jew ta' traduzzjoni bla ħlas (meta nikkuntattja lill-pulizija jew lil awtoritajiet oħra, jew matul l-investigazzjoni u l-proċess)?

Il-proċedimenti kriminali jsiru bl-Ungeriż, iżda li ma tkunx taf il-lingwa Ungeriża ma jkunx raġuni li tagħti lok għal diskriminazzjoni. Fil-proċedimenti kriminali tista' tuża, kemm meta titkellem kif ukoll meta tikteb, il-lingwa nattiva, reġjonali jew tal-minoranza tiegħek jew lingwa oħra li int tindika li titkellem. F'dawn il-każijiet, int tkun intitolata(a) għal interpretu u għat-traduzzjoni ta' dokumenti uffiċjali indirizzati lilek mingħajr ħlas.

Kif tista' l-awtorità tiżgura li qed nifhem u li qed ninftehem (jekk jien minorenni; jekk għandi diżabbiltà)?

L-awtorità tistinka biex tikkomunika miegħek b'mod sempliċi u li jinftehem faċilment kemm b'mod orali kif ukoll bil-miktub. Informazzjoni dwar drittijietek u twissijiet dwar l-obbligi tiegħek jiġu komunikati b'mod li jinftehem faċilment b'konsiderazzjoni tal-kundizzjoni u tal-ħiliet personali tiegħek. Matul il-komunikazzjoni verbali, l-awtorità hi meħtieġa tiżgura wkoll jekk int fhimtx l-informazzjoni komunikata lilek, u, jekk le, l-awtorità tispjega t-tali informazzjoni jew twissija lilek. Jekk int minorenni jew persuna b'diżabbiltà, l-awtorità trid toqgħod attenta b'mod partikolari meta tikkomunika miegħek. Jekk għandek indeboliment tas-smiġh, inti nieqes/nieqsa mis-smiġh u mid-dawl jew għandek indeboliment tat-taħdit, tista' titlob interpretu tal-lingwa tas-sinjali jew tista' tagħmel dikjarazzjoni bil-miktub minflok seduta.

Servizzi ta' appoġġ għall-vittmi

Min jipprovdi l-appoġġ għall-vittmi?

Fil-livell tal-istat, il-funzjonijiet ta' protezzjoni tal-vittmi u ta' għajjnuna legali jiġu eżerċitati mill-uffiċċji tal-gvern tal-belt kapitali u tad-19-il kontea. Jekk int vittma ta' reat, l-aġenziji tal-gvern jipprovdulekk assistenza personalizzata mingħajr ħlas, li bħala parti minnha int tirċievi

informazzjoni dwar id-drittijiet u l-possibiltajiet tiegħek;

appoġġ emottiv;

assistenza Prattika u pariri legali f'każijiet sempliċi;

konferma tal-istatus tiegħek bħala vittma;

għajjnuna monetarja istantanja tista' tiġi pprovduta wkoll fuq il-bażi ta' applikazzjoni ppreżentata fi żmien 5 ijiem mid-data tat-tweġġ tar-reat relatat.

Bħala parti mill-għajjnuna legali, l-uffiċċji tal-gvern jipprovdulekk pariri legali mingħajr ħlas f'każijiet li fihom il-fatti tal-każ ikunu pjuttost ċari, u jekk tkun fi bżonn finanzjarju, jistgħu jiġu pprovduti lilek servizzi legali (eż. f'fassil ta' dokumenti) permezz ta' assistenza legali barra mill-kuntest tal-proċedimenti kriminali u tar-rappreżentazzjoni permezz ta' haġbi flitgazzjoni fi ħdan il-kuntest tal-proċedimenti kriminali.

Tista' ssib id-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċċji tal-gvern ta' Budapest u tal-kontej fuq <http://www.kormanyhivatal.hu/> u aktar informazzjoni dwar l-appoġġ għall-vittmi u l-għajnuna legali fuq <https://igazsagugyiinformaciok.kormany.hu/aldozatsegito-szolgalat> u <http://igazsaguyihivatal.gov.hu/jogi-segitsegnyujtas>. Minbarra l-organizzazzjonijiet tal-istat ta' appoġġ għall-vittmi, int tista' tirrikorri wkoll għal diversi organizzazzjonijiet ċivili jekk sfajt vittma ta' reat, pereżempju: L-Assoċjazzjoni tal-Karità ĊURKETT ABJAD, membru tal-Victim Support Europe, tipprovdi appoġġ finanzjarju, legali, psikoloġiku u ieħor kif ukoll għajnuna lill-vittmi ta' reati u lil qrabathom, primarjament dawk li huma fil-bżonn minħabba s-sitwazzjoni soċjali tagħhom (<http://feergyuru.eu/>), is-Servizz Telefoniku Nazzjonali ta' Informazzjoni dwar il-Kriżijiet (Országos Kríziskezelés és Információs Telefonszolgálat) jipprovdi għajnuna lill-vittmi ta' vjolenza domestika, ta' abbuż tat-tfal, ta' prostituzzjoni u ta' traffikar tal-bnedmin u, jekk ikun hemm bżonn, jista' jorganizza l-akkomodazzjoni tagħhom (<http://bantalmazas.hu/>),

L-NGO ESZTER Ambulanca (ESZTER Alapítvány és Ambulancia) tipprovdi trattament psikoloġiku u riabilitazzjoni mingħajr ħlas għal tfal u għal adulti f' kundizzjoni ta' abbuż u traumatizzanti, u tipprovdi informazzjoni u pariri legali (<http://eszteralapitvany.hu/>),

L-NGO NANE tal-Assoċjazzjoni tad-Drittijiet tan-Nisa topera helpline mingħajr ħlas u tipprovdi assistenza legali personali kif ukoll konsulenza psikoloġika u soċjali għall-vittmi adulti u minorenni ta' vjolenza domestika (<http://nane.hu/>).

Il-pulizija tirrefereni awtomatikament għall-appoġġ għall-vittmi?

Jekk tmur għand il-pulizija bħala vittma ta' reat, int tirċievi notiffika bil-miktub tas-servizz rilevanti ta' appoġġ għall-vittmi mingħand il-pulizija, u tiġi informat(a) bl-opportunitajiet tiegħek ta' appoġġ għall-vittmi u, fuq talba, il-pulizija toħroġ iċ-ċertifikat neċessarju li jingħata lilek jew jintbagħat lis-servizz ta' appoġġ għall-vittmi.

Kif tiġi protetta l-privatezza tiegħi?

Matul il-proċedimenti kriminali, id-drittijiet personali tiegħek u d-dritt għar-rispett ta' dawk involuti jridu jiġu mħarsa, u kwalunkwe divulgazzjoni żejda ta' *data* dwar il-privatezza tiegħek hi projbita. Għal dan il-għan, jekk ikun meħtieġ li int tixhed, int tista' titlob li d-*data* tiegħek tiġi ġestita b'mod kunfidenzjali u, minn dak iż-żmien 'l hemm, din tiġi divulgata biss lill-awtorità li tipproċedi bil-kawża.

Għandi nirrapporta reat qabel inkun nista' nikseb aċċess għall-appoġġ għall-vittmi?

Mhix kundizzjoni ġenerali ta' eliġibbiltà għas-servizz ta' appoġġ għall-vittmi pprovdut mill-istat li int tippreżenta rapport dwar ir-reat kriminali mwettaq kontrik; minkejja dan, int tkun intitolat(a) li tirċievi għajnuna monetarja (kumpens, għajnuna monetarja istantanja) biss jekk ikollok prova bil-miktub tal-ftuħ tal-proċedimenti kriminali.

Protezzjoni personali jekk inkun fil-periklu

Int tista' tikseb protezzjoni personali wara l-ftuħ tal-proċedimenti kriminali. Jekk int tinsab f'sitwazzjoni mhedda minħabba l-parteċipazzjoni tiegħek fi proċedimenti kriminali, int tista' titlob lill-awtorità li tipproċedi bil-kawża li int, bħala vittma jew xhud, kif ukoll il-membri tal-familja u l-qraba tiegħek, tiġu pprovduti bi protezzjoni personali. Il-protezzjoni personali tista' tintalab mill-awtorità tal-investigazzjoni li tipproċedi bil-kawża, mill-prosekuzzjoni jew mill-qorti, u d-deċiżjoni tittieħed mill-pulizija li tipprovdi l-protezzjoni personali.

Jekk int tinstema' bħala xhud u t-testimonjanza tiegħek tkun relatata maċ-ċirkustanzi sostanzjali ta' kawża partikolarment serja, int tista' tiġi ddkjarat(a) protett (a) b'mod speċjali jekk l-evidenza mistennija mit-testimonjanza tiegħek ma tkunx tista' tiġi sostitwita u jekk l-esponiment tal-identità tiegħek b'rabta mal-parteċipazzjoni tiegħek fil-protezzjoni jixħet f'riskju serju l-ħajja, il-persuna jew il-libertà personali tiegħek jew ta' qrabatek.

L-imħallef li jinvestiga jiddeċiedi dwar id-dikjarazzjoni tax-xhud bħala protett b'mod speċjali, li tista' titressaq għal mozzjoni mill-prosekuzzjoni, u b'hekk hu int li trid titlob dan it-tip ta' protezzjoni fil-prosekuzzjoni. Jekk int tiġi ddkjarat(a) xhud protett b'mod speċjali, int tista' tiġi interrogat(a) biss mill-imħallef li jinvestiga u ma tistax titfarrek biex tidher fil-proċess, u l-isem, id-data personali u l-post ta' residenza tiegħek jiġu mmaniġġjati b'mod kunfidenzjali u ma jiġux divulgati lill-konvenut u lill-avukat difensur tiegħu.

Int tista' tkun protett(a) ukoll fi ħdan il-qafas ta' Programm ta' Protezzjoni speċjali. Jekk tiegħu sehem fi Programm bħal dan, int tista' tiġi mħarrek/mħarrka biex tidher matul l-azzjonijiet proċedurali jew tiġi notifikat(a) dwar dawn, jew jintbagħtulek id-dokumenti biss permezz tal-korp responsabbli għall-protezzjoni tiegħek, u l-indirizz ta' dak il-korp jiġi indikat bħala l-post ta' residenza tiegħek. F'dan, lanqas l-awtoritajiet, ma jista' jiġi pprovdut b'kopji ta' dokumenti li fihom informazzjoni dwarek, sakemm il-korp responsabbli għall-protezzjoni tiegħek ma jkunx ta l-permess tiegħu għal dan. F'dan il-każ, int tista' tiċħad milli tixhed billi tagħti jew timplika informazzjoni dwar l-identità jew il-post ta' residenza tiegħek.

Jekk twettaq kontrik att kriminali punibbli bi prigrunerija, int tista' tressaq mozzjoni quddiem il-qorti biex din tordna li l-konvenut ma jersaqx lejgħ għal perjodu ta' bejn għaxar u sittin jum.

X'tipi ta' protezzjoni huma disponibbli? Min jista' joffrili protezzjoni?

Matul il-proċedimenti kriminali, il-qorti, il-prosekutur u l-awtorità tal-investigazzjoni l-ħin kollu ser ikunu qed jeżaminaw jekk intix vittma li għandha bżonn protezzjoni speċjali fuq il-bażi tal-fatti u taċ-ċirkustanzi li jikkarakterizzaw il-personalità u l-kundizzjonijiet tal-għajxien tiegħek u n-natura jew iċ-ċirkustanzi tar-reati kriminali, li dwarha jista' jiġi stabbilit li għandha ħtiġijiet speċjali matul il-proċedimenti kriminali. Bażikament, f'dan il-każ, il-qorti, il-prosekuzzjoni jew l-awtorità tal-investigazzjoni li tmexxi l-proċedimenti kriminali tista' tordna l-miżuri li jipprovdu l-protezzjoni personali tiegħek, billi jiġi stipulat li l-protezzjoni personali u l-Programm ta' Protezzjoni definit fit-Taqsima 7 tiġi pprovduta mill-pulizija, filwaqt li l-ordni ta' trażżin jista' jinħareġ mill-qorti.

Hemm xi ħadd li jivvaluta l-każ tiegħi biex jara jekk inleix f'riskju ta' aktar ħsara mit-trasgressur?

Iva. Hi funzjoni fundamentali tal-qorti, tal-prosekuzzjoni u tal-awtorità tal-investigazzjoni li tipprevjeni t-twertq ta' aktar reati kriminali mit-trasgressur. Dan l-għan jinkiseb permezz ta' miżuri koerċittivi li jiffokaw fuq il-konvenut u fuq il-karatteristiċi personali tiegħu li jinvolvu t-telf jew ir-restrizzjoni tal-libertà tal-konvenut (eż. ordni ta' trażżin, limitazzjoni tal-ħinijiet barra d-dar) u, min-naħa l-oħra, permezz ta' miżuri li jiżguraw il-kura u l-protezzjoni dovuti li huma bbażati fuq il-kunsiderazzjoni speċjali tal-interessi tiegħek bħala vittma.

Ikun hemm xi ħadd li jevalwa l-każ tiegħi biex jara jekk ninsabx f'riskju ta' aktar dannu mis-sistema tal-ġustizzja kriminali (matul l-investigazzjoni u l-proċess)?

Iva. Fil-proċedimenti kriminali, l-azzjonijiet proċedurali li jinvolvu l-parteċipazzjoni tiegħek bħala xhud iridu jittejjew u jitwettqu mill-qorti, mill-prosekuzzjoni u mill-awtorità tal-investigazzjoni b'tali mod li dawn ma jiġux ripetuti b'mod indebitu u li int ma tiltaqax mal-konvenut għalhejn. Għal dan l-għan, pereżempju, il-konfront tiegħek mal-konvenut jista' jiġi omess fuq talba tiegħek jew ex officio, il-konvenut jista' jitneħħa mill-awla matul l-interrogazzjoni tiegħek, u int tista' ssirlek l-interrogazzjoni permezz tat-telekomunikazzjoni (anki bid-distorsjoni tal-karatteristiċi tal-wiċċ jew tal-voċi tiegħek).

X'tip ta' protezzjoni hu disponibbli għall-vittmi vulnerabbli ħafna?

Jekk int vittma li għandha bżonn ta' protezzjoni speċjali fuq il-bażi tal-fatti u taċ-ċirkustanzi li jikkarakterizzaw il-personalità u l-kundizzjonijiet tal-għajxien tiegħek jew in-natura jew iċ-ċirkustanzi tar-reat kriminali, il-proċedimenti kriminali jsiru bl-akbar attenzjoni għalik, u kwalunkwe azzjoni proċedurali li taffettwak (b'kunsiderazzjoni tal-interessi tal-proċedimenti) tittejjew u tiġi implimentata filwaqt li kemm jista' jkun jiġu kkunsidrati l-ħtiġijiet tiegħek.

Jien minorenni – għandi xi drittijiet speċjali?

F'konformità mal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fl-20 ta' Novembru 1989, l-ordinament ġuridiku tal-Ungerija jqs li persuna hi minorenni jekk hi ma tkunx għadha għalqet it-18-il sena.

Fi proċedimenti kriminali li jaffettwaw lil vittmi li huma minorenni, hu rekwiżit ġenerali għall-awtoritajiet u għall-korpi ġudizzjarji li jiżguraw l-applikazzjoni sħiħa tad-drittijiet tat-tfal stabbiliti f'konvenzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari l-prinċipju ta' għoti ta' kunsiderazzjoni primarja lill-*'aħjar interessi tat-tfal'* f' deċiżjonijiet li jaffettwaw lil minorenni.

Fi proċedimenti kriminali, il-vittmi minorenni għandhom drittijiet addizzjonali meta mqabbla mal-adulti, u tiġi pprovduta protezzjoni ulterjuri lilhom. Jekk il-vittma jkollha anqas minn 18-il sena fiż-żmien tal-ftuħ tal-proċedimenti kriminali, din titqies li hi **"vittma bi ħtiġijiet speċjali"** mingħajr ma tiġi ppreżentata talba separata għal dak l-għan.

Hi regola ġenerali għall-vittmi bi ħtiġijiet speċjali li l-azzjonijiet proċedurali jridu jitfejju u jiġu implimentati bl-akbar attenzjoni għall-vittma u b'kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet tagħha kemm jista' jkun.

Vittmi li jkollhom anqas minn 18-il sena jkollhom drittijiet speċjali addizzjonali meta mqabbla mal-adulti:

Iridu jsiru proċedimenti kriminali rapidi għal reati kriminali mwettqa kontra l-ħajja u s-saħħa fiżika jew is-saħħa u l-libertà sesswali u għal reati sesswali kif ukoll għal reati kriminali kontra l-interessi ta' tfal u tal-familja jew għal reati kriminali vjolenti kontra persuni oħra, jekk l-interessi tal-minorenni jiġġustifikaw li l-proċedimenti kriminali għandhom jiġu konklużi mill-aktar fis possibbli. Proċedimenti kriminali rapidi jkunu ġustifikati b'mod partikolari meta l-iżvilupp fiżiku, mentali jew morali tal-vittma jkun inxteħet f'riskju sinifikanti jew meta l-konvenut ikun responsabbli għat-trobbija, għas-superviżjoni jew għall-indokrar tal-vittma fil-mument tal-proċedimenti jew inkella jgħix fl-ambjent tal-vittma.

Għandha tingħata attenzjoni addizzjonali fi kwalunkwe komunikazzjoni orali u bil-miktub magħha. Il-minorenni jridu jiġu informati dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom b'mod li jkun xieraq għall-età u għall-maturità tagħhom u, jekk ikun hemm bżonn, dawn iridu jingħataw kjarifika u spjegazzjoni speċjali.

It-tutor ta' minorenni jrid jiġi notifikat bit-taħrika, u dik in-notifika trid tiġi notifikata flimkien ma' talba għall-iżgurar tal-attenzenza tal-minorenni.

Ir-rappreżentant legali, is-sostenitur u t-tutor tal-minorenni jistgħu jkunu preżenti matul l-eżaminazzjoni tal-minorenni bħala xhud. Il-persuna li takkumpanja lix-xhud hi intitolata għar-rimborż tal-istess spejjeż bħax-xhud.

Lx-xhieda ta' minorenni ma tistax tiġi testjata b'eżaminazzjoni strumentali tal-kredibbiltà (poligraf).

Jekk l-obbligu għal kooperazzjoni personali ma jkunx stipulat bil-liġi, id-drittijiet tal-minorenni jistgħu jiġu eżerċitati wkoll mir-rappreżentant legali tiegħu.

L-eżaminazzjoni tista' tiġi ordnata biex issir permezz ta' sistema ta' komunikazzjoni b'ċirkwit magħluq (vidjokonferenza). F'dan il-każ, il-vittma titqiegħed f' kamra separata u tista' tikkomunika ma' dawn li huma preżenti fil-post tal-proċess permezz ta' apparat li fl-istess ħin jittrażmetti vidjo u vuċi (vidjokonferenza). Ex officio jew fuq talba, il-qorti tista' teskludi lill-pubbliku mill-proċess biex tiproteġi lill-minorenni li jieħu sehem fil-proċedimenti.

Jekk il-prosekutur jixtieq jinterroga lil vittma bi bżonnijiet speċjali bħala xhud fi proċedimenti kriminali imwettaq minħabba reat kriminali mwettaq kontra l-libertà sesswali, reat sesswali jew reat kontra l-persuna ta' qarib, il-vittma tista' tiġi interrogata biss minn persuna tal-istess sess, dment li din tintalab mill-vittma u ma taffettwax b'mod avers l-interessi tal-proċedimenti.

Vittmi li jkollhom anqas minn 14-il sena għandhom drittijiet speċjali ulterjuri minbarra dawn ta' hawn fuq:

Il-vittma tista' tinstema' bħala xhud biss jekk l-evidenza mistennija mit-testimonjanza ma tkunx tista' tiġi sostitwita. Il-vittma trid tiegħu sehem fil-konfront jekk dan ma jikkawżalhiex ansjetà.

Taħrikiet u avviżi dwar l-interrogazzjoni tax-xhud iridu jiġu notifikati permezz tat-tutor tagħha. Il-fatt tat-taħrika u tal-avviż irid jiġi komunikat lir-rappreżentant legali tal-minorenni.

Qabel il-preżentazzjoni tal-akkuża, l-imħallef li jinvestiga jisma' lill-minorenni jekk ikun hemm motivazzjonijiet validi biex jiġi supponut li l-interrogazzjoni f' seduta pubblika tkun taffettwa b'mod avers l-iżvilupp personali tal-minorenni. Is-smiġ tax-xhud mill-imħallef tal-investigazzjoni jista' jiġi mozzjonat għall-prosekutur mir-rappreżentant legali, mit-tutor u mill-avukat li jaġixxi f'isem ix-xhud. Dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stipulati bil-liġi, il-prosekutur iressaq mozzjoni għas-smiġ tal-minorenni b'dan il-mod. Il-konvenut u l-avukat tal-konvenut ma jistgħux ikunu preżenti matul is-sessjoni organizzata mill-imħallef li jinvestiga.

Il-post tas-smiġ tax-xhud ikun kamra mfassla apposta għas-smiġ ta' minorenni. Derogi minn dan ikunu permessi f'każijiet eċċezzjonali biss. Is-smiġ jista' jsir ukoll permezz ta' sistema ta' komunikazzjoni b'ċirkwit magħluq (vidjokonferenza).

Is-smiġ ta' xhud li jkollu anqas minn 14-il sena jrid jiġi reġistrat bl-użu ta' apparat li jirreġistra l-vidjo jew l-awdjo. Fil-każ ta' minorenni ta' aktar minn 14-il sena, dan ikun permess biss bil-patt li jingħata ħlas bil-quddiem għall-ispejjeż.

Il-minorenni ma jistax jiġi mħarek għal smiġ pubbliku jekk ikun instema' mill-imħallef li jinvestiga qabel l-akkuża.

Jekk il-minorenni ma jkunx instema' mill-imħallef li jinvestiga qabel l-akkuża, iżda, aktar tard, is-smiġ bħala xhud isir neċessarju, il-minorenni jista' jinstema' biss barra mill-proċess. F'każ li l-minorenni jkun għalaq l-14-il sena matul il-proċess, dan jista' jinstema' wkoll mill-qorti fil-proċess f'każ ġustifikat b'raġunijiet speċjali. In-notifika tal-konvenut u tal-avukat tal-konvenut tista' ma ssirx fiż-żewġ każijiet.

Il-membri tal-familja tiegħi miet kaġun tar-reat – x'inhuma drittijiet?

Vittmi li jmutu qabel jew wara l-ftuħ tal-proċedimenti kriminali jistgħu jiġu sostitwiti minn qarib li jiġi minnhom direttament, minn konjuġi, minn sieħeb, minn aħwa, minn rappreżentant legali jew minn persuna dipendenti sostnuta fuq il-bażi ta' ftehim jew ta' leġiżlazzjoni li tista' teżerċita d-drittijiet tal-vittma.

F'każ ta' diversi persuni li jkunu intitolati jagħmlu dan, il-persuni kkonċernati jistgħu jinnominaw persuna li teżerċita d-drittijiet tal-vittmi. Fin-nuqqas ta' ftehim bħal dan, il-persuna li l-ewwel tkun aġixxiet fil-proċedimenti tista' teżerċita d-drittijiet tal-vittma.

Il-membri tal-familja tiegħi kien vittma ta' reat – x'inhuma drittijiet?

Jekk l-obbligu għal kooperazzjoni personali ma jkunx stipulat bil-liġi, id-drittijiet tal-vittma jistgħu jiġu eżerċitati wkoll mir-rappreżentant legali tagħha. Avukat jew qarib kbir biżżejjed jista' jaġixxi bħala rappreżentant fuq il-bażi ta' awtorizzazzjoni.

Jekk l-ilmentatur jagħmel ilment verbali, persuna kbira biżżejjed nominata mill-ilmentatur tista' tkun preżenti matul is-smiġ għall-fini tal-għoti tal-appoġġ tagħha (inkluż appoġġ lingwistiku), dment li l-preżenza tal-persuna ma taffettwax b'mod avers l-interessi tal-proċedimenti.

F'każ ta' atti investigattivi li fihom il-preżenza tiegħek tkun obligatorja jew li fihom int tista' tkun preżenti, ir-rappreżentant u s-sostenitur tiegħek u, jekk ma tmurx kontra l-interessi tal-proċedimenti, persuna li tkun kbira biżżejjed nominata minnek jistgħu jkunu preżenti wkoll maġenbek. Ir-regola ta' hawn fuq hi applikabbli għas-smiġ tal-vittma u għall-eżaminazzjoni tal-vittma bħala xhud.

F'każ ta' mewt tal-prosekutur privat sostitut, dan jista' jiġi sostitwit minn qarib li jiġi minnu direttament, minn konjuġi, minn sieħeb, minn aħwa, minn rappreżentant legali jew minn persuna dipendenti sostnuta fuq il-bażi ta' ftehim jew ta' leġiżlazzjoni fi żmien tletin jum.

Nista' nikseb aċċess għas-servizzi ta' medjazzjoni? Taħt liema kundizzjonijiet? Ser inkun sikur(a) waqt il-medjazzjoni?

L-għan ewlieni ta' proċedura ta' medjazzjoni hu li tiżgura kumpens għall-konsegwenzi tar-reat mill-konvenut b'mod li jkun aċċettabbli għall-vittma wkoll.

Għaldaqstant, fi proċeduri ta' medjazzjoni, għandhom isiru sforzi biex jintlaħaq ftehim xieraq bejn il-konvenut u l-vittma għall-kumpens għad-danni.

Dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet previsti bil-liġi, il-prosekutur jew, jekk il-kawża tkun quddiem il-qorti, l-imħallef jista' jipposponi l-proċedimenti għal massimu ta' sitt xhur u jordna medjazzjoni.

Il-medjazzjoni tista' tiġi ordnata għall-proċedimenti kriminali jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

titressaq mozzjoni mill-konvenut jew mill-vittma jew jekk dawn jaqblu li jagħmluha b'mod volontarju;

il-proċedimenti kriminali nfetħu għal reat imwettaq kontra l-ħajja u s-saħħa fiżika jew is-saħħa, id-dinjità tal-bniedem u drittijiet fundamentali tal-bniedem oħra, reat tat-traffiku jew reat kontra l-proprjetà jew id-drittijiet intellettuali u r-reat ikun punibbli b'mhux aktar minn ħames snin priġunerija; skont il-Kodiċi Kriminali, wara proċedura ta' medjazzjoni li tirnexxi, il-proċedimenti kriminali jistgħu jiġu terminati jew il-penali tista' titnaqqas mingħajr limitazzjoni;

il-persuna suspettata tammetti l-ħtija tagħha qabel ma tiġi akkużata u tkun qabliet li u kapaċi tipprovdri restituzzjoni bil-mezzi u sal-punt aċċettati mill-vittma; il-proċedimenti kriminali jistgħu jintemmu fid-dawl tan-natura tar-reat, tal-mod li bih twettaq u taċ-ċirkustanzi personali tal-akkużat, jew jekk ikun hemm motivazzjonijiet raġonevoli li l-qorti tista' tevalwa r-restituzzjoni pprovduta mill-akkużat fil-qafas tal-impożizzjoni tal-piena.

Il-vittma tista' tippreżenta mozzjoni biex tiġi ordnata medjazzjoni fi kwalunkwe stadju tal-proċedimenti. Madankollu, proċedura ta' medjazzjoni tista' tiġi ordnata biss darba f'kull kawża, u b'hekk jekk il-proċedura ta' medjazzjoni tiġi konkluża mingħajr suċċess għal kwalunkwe raġuni, ma tistax terġa' ssir. Medjatur imħarreġ għal dan l-għan u mħaddem mill-Istat ikun responsabbli għat-twettiq kif suppost tal-proċedura ta' medjazzjoni. Fil-proċedura ta' medjazzjoni, il-vittma tista' tagħżel li tiltaqa' mal-akkużat b'mod esklużiv fil-preżenza tal-medjatur, u f'dan ir-rigward il-persuna tal-medjatur tipprovdri garanzija adegwata għas-sigurtà personali tal-vittma.

Fejn nista' nsib il-liġi li tgħid x'inhuma drittijiet?

L-Att XIX tal-1998 dwar il-Proċeduri Kriminali;

L-Att C tal-2012 dwar il-Kodiċi Kriminali;

L-Att LXIV tal-1991 dwar il-Promulgazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Tfal Iffirmata fi New York fl-20 ta' Novembru 1989;

L-Att CXXXV tal-2005 dwar l-Appoġġ għall-Vittmi ta' Reati u l-Kumpens mill-Istat;

L-Att LXXX tal-2003 dwar l-Għajnuna Legali;

L-Att LXXXV tal-2001 dwar il-Programm ta' Protezzjoni għal dawk li Jieħdu Sehem fi Proċedimenti Kriminali u l-Ġurisdizzjoni ta' Appoġġ;

L-Att CXXIII tal-2006 dwar l-Attivitajiet ta' Medjazzjoni Applikabbli f'Kawżi Kriminali;

Id-Digriet Nru 64/2015 tal-Ministru tal-Intern tat-12 ta' Diċembru 2015 dwar il-Kompiti tal-Pulizija Relatati mal-Appoġġ għall-Vittmi;

Id-Digriet ta' Governanza Nru 34/1999 tas-26 ta' Frar 1999 dwar il-Kundizzjonijiet tal-Ordinijiet u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tal-Protezzjoni Personali ta' dawk li Jieħdu Sehem fi Proċedimenti Kriminali u tal-Membri tal-Awtoritajiet li Jipproċedu;

Id-Digriet Konġunt Nru 23/2003 tal-Ministru tal-Intern u tal-Ministru tal-Ġustizzja tal-24 ta' Ġunju 2003 dwar ir-Regoli Dettalji tal-Investigazzjoni Mwertqa minn Awtoritajiet tal-Investigazzjoni taħt il-Ministru tal-Intern u r-Regoli dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Atti Investigattivi b'Mezzi Oħra għajr il-Minuti;

Id-Digriet Nru 25/2016 tal-Ministru tal-Ġustizzja tat-23 ta' Diċembru 2016 dwar ir-Rimborż mill-Istat ta' Spejjeż Imħallsa mill-Konvenut u mill-Avukat Difensur minn Buthom, u dwar l-Ispejjeż u t-Tariffi tal-Persuni li Jieħdu Sehem fi Proċedimenti Kriminali;

Id-Digriet Nru 14/2008 tal-Ministru tal-Ġustizzja u l-Infurzar tal-Liġi tas-27 ta' Ġunju 2008 dwar ir-Rimborż tax-Xhieda;

Id-Digriet Konġunt Nru 21/2003 tal-Ministru tal-Ġustizzja, tal-Ministru tal-Intern u tal-Ministru tal-Finanzi tal-24 ta' Ġunju 2003 dwar il-Flas bil-Quddiem tal-Ispejjeż tal-Proċedimenti Kriminali;

L-Ordni Nru 2/2013 tal-Kwartieri Ġenerali Nazzjonali tal-Pulizija tal-31 ta' Jannar 2013 dwar il-Kompiti tal-Pulizija Relatati mal-Appoġġ għall-Vittmi.

L-aħħar aġġornament: 04/09/2018

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

2 - Ir-rappurtar ta' reat u d-drittijiet tiegħi waqt l-investigazzjoni jew il-proċess

Kif nirrapporta reat?

Kulħadd jista' jirrapporta reat.

Ir-reati ġeneralment jiġu rapportati quddiem il-prosekutur jew l-awtorità tal-investigazzjoni:

personalment (bil-miktub jew oralment) – ir-rapporti orali jiġu reġistrati minn rappreżentant tal-awtorità, li jistaqsik dwar l-elementi u ċ-ċirkustanzi tar-reat imwettaq kontrik, l-identità tat-trasgressur u kwalunkwe evidenza li jista' jkollok fil-pussess tiegħek;

bit-telefown – il-pulizija topera wkoll hotline mingħajr ħlas hu 003680555111 u dan jopera 24 siegħa kuljum bl-assoċjati tal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija ta' Budapest li jieħdu r-rapporti. Aktar informazzjoni dwar il-hotline hi disponibbli bl-Ungeriż fuq is-sit web uffiċjali tal-Pulizija Ungeriża fuq <http://www.police.hu/en>;

bi kwalunkwe mezz ieħor ta' komunikazzjoni, inkluż b'telefonata fuq in-numru ta' emerġenza tal-UE: **112**

Ir-rapporti jistgħu jiġu aċċettati wkoll minn awtoritajiet jew minn qrati oħra, li huma obbligati jibagħtuhom lill-awtorità tal-investigazzjoni. Jekk ir-rapport jeħtieġ azzjoni immedjata, dan irid jiġi aċċettat.

Ir-rapporti ppreżentati kollha jiġu reġistrati minnufih.

Tista' tirrapporta b'mod anonimu, jiġifieri mhuwiex obligatorju li int tissottometti d-dettalji ta' identifikazzjoni jew ta' kuntatt tiegħek. Ir-rapport tiegħek irid ikun fi id-dettalji dwar ir-reat. Ma hemm ebda formola speċjali meħtieġa mill-awtoritajiet għar-rapportar tar-reati.

Ma hemm ebda skadenza espliċita għar-rapportar ta' reat, iżda l-awtoritajiet jirrifjutaw ir-rapport tiegħek jekk isir wara ċertu perjodu. Dan il-perjodu (l-hekk imsejjaħ perjodu ta' preskrizzjoni) normalment ikun ekwivalenti għall-perjodu massimu ta' penali għal reat partikolari u għandu minimu ta' 5 snin.

Għal ċerti reati, int tista' tressaq mozzjoni privata wkoll, li hi dikjarazzjoni li biha titlob b'mod espliċitu li l-awtur jingħata piena u jkollok 30 jum biex tressaq il-mozzjoni privata wara li ssir taf l-identità tat-trasgressur.

Kif nista' nsir naf x'inhu jiġri bil-kawża?

L-ilmentatur jew, jekk ir-rapport ma jsirx mill-vittma iżda din tkun magħrufa, jiġu notifikati dwar it-tneġġja tal-investigazzjoni.

L-ilmentatur u l-pretendent ċivili jridu jiġu notifikat dwar ir-rifjut tar-rapport.

Il-qorti tiddeċiedi dwar dawn li ġejjin u tinnotifikak dwarhom:

iċ-ċaħda tat-talba tiegħek biex issir prosekutur privat sostitut,

it-terminazzjoni tal-proċedura jekk l-investigazzjoni ordnata fuq il-bażi tar-rapport tiegħek ippreżentat bħala prosekutur privat ma rnexxiex.

Matul l-investigazzjoni, il-pulizija jew il-prosekutur jistgħu jinformatu dwar:

azzjonijiet investigattivi,

il-ħatra ta' espert fil-każ,

il-ħruġ ta' ordni ta' trażżin kontra t-trasgressur.

Bħala vittma ta' reat, int ikollok diversi privileġġi li jippermettulek tikseb informazzjoni dwar l-investigazzjoni:

int tista' tkun preżenti (iżda mhux bilfors) matul is-smigħ tal-esperti, l-ispezzjoni ta' xena jew ta' oġġett, esperimenti evidenzjarji u line-ups ta' identifikazzjoni, u għandek tiġi notifikat(a) dwar dawn l-azzjonijiet, iżda notifika bħal din tista' ma ssirx jekk dan ikun ġustifikat minħabba l-urġenza tal-att investigattiv, u n-notifika ma tistax issir jekk il-protezzjoni tal-persuna involuta fil-proċedimenti ma tkunx tista' tiġi garantita b'mod ieħor, int tista' tispezzjona l-minuti ta' kwalunkwe azzjoni investigattiva fejn int tkun preżenti, u jistgħu jiġu spezzjonati fajls oħra biss jekk dan ma jmurx kontra l-interessi tal-investigazzjoni,

f'każ ta' atti investigattivi li fihom il-preżenza tiegħek tkun obligatorja jew li fihom int tista' tkun preżenti, ir-rappreżentant tiegħek, is-sostenitur tiegħek u, jekk din ma tiksirx l-interessi tal-proċedimenti, persuna li hi kbira biżżejjed nominata minnek, jistgħu jkunu preżenti miegħek; f'każ li tiġi interrogat(a) bħala xhud, persuna kbira biżżejjed nominata minnek tista' tkun preżenti miegħek minbarra l-avukat li jirrappreżenta l-interessi tiegħek, int għandek id-dritt li tiġi notifikat(a) fuq talba tiegħek, b'rabta mar-reat li jikkonċernak, dwar:

il-ħelsien jew il-ħarba tal-konvenut minn detenzjoni ta' qabel il-proċess,

il-libertà kondizzjonali jew ir-rilaxx finali jew il-ħarba kif ukoll l-interruzzjoni tal-eżekuzzjoni tat-terminu tal-priġunerija tal-persuna sentenzjata għal priġunerija, il-ħelsien jew il-ħarba tal-persuna sentenzjata għal arrest taħt kustodja kif ukoll l-interruzzjoni tal-eżekuzzjoni tal-arrest taħt kustodja,

ir-rilaxx jew il-ħarba tal-persuna taħt trattament mediku involontarju temporanju,

ir-rilaxx, it-tluq bla permess u l-liv ta' adattament tal-persuna taħt trattament mediku involontarju,

fil-każ ta' edukazzjoni għal trasgressuri żgħażaġh, il-ħelsien temporanju jew permanenti, it-tluq mill-istituzzjoni mingħajr permess u l-interruzzjoni tal-edukazzjoni tat-trasgressuri żgħażaġh,

int tista' tikseb kopji tal-perizji u tal-fajls dwar azzjonijiet investigattivi li matulhom int tista' tkun legalment preżenti; kopji oħra jistgħu jinkisbu biss jekk dan ma jmurx kontra l-interessi tal-investigazzjoni u biss wara li tkun tajt ix-xhieda tiegħek; ladarba jintemmu l-proċedimenti, int tista' tirċievi kopji tal-fajls kollha maħluqa mill-pulizija jew mill-prosekutur fuq talba,

int tista' tispezzjona fajls tal-każ wara li tintemm l-investigazzjoni, tippreżenta talbiet u tagħmel osservazzjonijiet.

Jien intitolat(a) għal għajnuna legali (matul l-investigazzjoni jew il-proċess kriminali)? Taħt liema kundizzjonijiet?

Iva.

Fi proċedimenti kriminali, l-Istat jagħti l-għajnuna li ġejja fil-qafas tal-għajnuna legali:

eżenzjoni personali mill-ispejjeż għal prosekutur privati sostituti,

rappreżentanza permezz ta' ħabib fl-itigazzjoni għal partijiet li jġarrbu dannu, għal prosekuturi privati, għal partijiet privati u għal partijiet interessati oħra kif ukoll għal prosekuturi privati sostituti.

Int intitolat(a) għal għajnuna bħal din jekk titqies fil-bżonn f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Għajnuna Legali, iżda d-dritt għal rappreżentazzjoni permezz ta' ħabib fl-itigazzjoni jingħata biss lil vittmi, lil prosekuturi privati, u lil persuni interessati oħra li jkunu fil-bżonn jekk, minħabba l-intrikatezza tal-każ, in-nuqqas ta' għarfien legali tagħhom jew ċirkustanzi personali oħra tagħhom, dawn ma jkunux jistgħu jasserixxu b'mod effettiv id-drittijiet proċedurali tagħhom jekk jiproċedu huma stess b'mod personali.

L-applikazzjonijiet għall-għajnuna jistgħu jiġu ppreżentati lis-servizz tal-għajnuna legali fil-formola prevista għal dan l-għan f'kopja waħda, u l-applikanti jridu jehmżu d-dokumenti u/jew ċertifikati uffiċjali filwaqt li jipprovdu prova tal-eliġibbiltà għall-għajnuna jew iridu jippreżentaw il-karta uffiċjali li tevidenzja l-eliġibbiltà tagħhom għall-għajnuna.

L-applikazzjonijiet għall-għajnuna jistgħu jiġu ppreżentati lis-servizz tal-għajnuna legali sa mhux aktar tard minn matul l-istadju ta' litigazzjoni tal-proċedimenti kriminali qabel is-sessjoni diviżorja tal-qorti organizzata għall-adozzjoni ta' deċiżjoni perentorja.

Sa fejn is-servizz tal-għajnuna legali jippermettitek tuża l-għajnuna legali, int tista' tagħżel fornitur tal-għajnuna legali minn reġistru pprovdut għal dak l-għan.

Nista' nitlob l-ispejjeż (għall-parteċipazzjoni fl-investigazzjoni jew fil-proċess)? Taħt liema kundizzjonijiet?

Iva.

Jekk int tiegħu sehem fil-proċedimenti bħala vittma, prosekutur privat, prosekutur privat sostitut jew pretendent ċivili, l-ispejjeż li ġejjin imġarrba minnek jew mir-rappreżentanti tiegħek jitroddu lura:

spejjeż tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni,

spejjeż tal-opinjoni tal-espert, mistieden minnek, bil-kunsens tal-prosekuzzjoni/tal-qorti,

spejjeż ta' reġistrazzjoni vidjo jew awdjo sħiħa jew parzjali tal-proċedimenti/stenografija,

spejjeż għal kopja waħda tal-fajls tal-każ,

spejjeż tal-komunikazzjoni (telefown, fax, posta, oħra),

tariffa tar-rappreżentanti.

L-ispejjeż li toħroġ minn butek u dawk tar-rappreżentanti tiegħek, kif ukoll it-tariffi tar-rappreżentanti jitħallsu bil-quddiem minnek, indipendentement mill-kapaċità tiegħek fil-proċedimenti.

Spejjeż imġarrba bħala riżultat tal-parteċipazzjoni tiegħek fil-proċedimenti bħala xhud (spejjeż tal-ivvjaġġar, spejjeż tal-akkomodazzjoni, spejjeż tal-ikel, spejjeż relatati mat-teħid tal-liv mix-xogħol) jitroddulek lura wara li tagħmel talba.

Spejjeż tal-ivvjaġġar: spejjeż fil-fatt imġarrba b'rabta mal-vjaġġ mill-post ta' residenza tax-xhud sal-post tas-seduta u mal-vjaġġ ta' ritorn.

Spejjeż tal-akkomodazzjoni: jekk is-seduta tax-xhud tibda f'ħin li fih il-vjaġġ mill-post ta' residenza sal-post tas-seduta jinbeda matul is-sigħat ta' billejl, l-ispejjeż tal-akkomodazzjoni għax-xhud f'akkomodazzjoni kummerċjali jew f'resort għall-familji jitroddu lura.

Spejjeż tal-ikel: l-ispejjeż tal-ikel jitħallsu lix-xhud jekk ikun intitolat għal rimborż tal-ispejjeż tal-akkomodazzjoni jew jekk id-durata sħiħa tal-vjaġġ mill-post ta' residenza sal-post tas-seduta u tal-vjaġġ ta' ritorn flimkien mas-seduta jaqbu s-6 sigħat fi ħdan ġurnata.

Spejjeż relatati mat-teħid tal-liv mix-xogħol: xhud li mhuwiex intitolat li jitħallas għal perjodu ta' assenza għaż-żmien ta' liv meħud għas-seduta jkun intitolat għal rimborż ta' 1.5% tal-pensjoni minima fis-sieġha għall-perjodu meħud liv mix-xogħol, inkluż il-perjodu mqatta' għall-ivvjaġġar.

Ix-xhud li kien preżenti fl-investigazzjoni tal-esperti jrid jibgħat l-evidenza ta' sostenn għall-ispejjeż lill-awtorità jew lill-qorti li ordnat l-investigazzjoni tal-esperti, li tiddetermina l-ammont tar-rimborż wara r-riċevuta tal-perizja.

Jekk int qed tinfurza talba ċivili bħala pretendent ċivili, il-qorti tordna lill-konvenut iħallas għall-ispejjeż li toħroġ minn butek u għall-ispejjeż li joħroġ minn butu r-rappreżentant u għat-tariffi ta' dan jekk ir-riżoluzzjoni tal-qorti tilqa' t-talba ċivili tiegħek. Jekk it-talba tintlaqa' f'parti minha, il-konvenut ikun obligat iħallas ammont proporzjonat mill-ispejjeż.

Jekk int prosekutur privat sostitut, il-qorti tordna lill-konvenut iħallas għall-ispejjeż li toħroġ minn butek u għall-ispejjeż li joħroġ minn butu r-rappreżentant u għat-tariffi ta' dan jekk il-prosekuzzjoni tkun rappreżentata mill-prosekutur privat sostitut u l-qorti ssib lill-konvenut ħati.

Nista' nappella jekk il-kawża tiegħi tingħalaq qabel nitla' l-qorti?

Il-vittma tista' tippreżenta appell, fil-każ speċifikat bil-liġi, jekk l-awtorità li tinvestiga jew il-prosekuzzjoni tiċħad ir-rapport jew ittemm l-investigazzjoni. Fil-każ ta' każda tar-rapport, il-vittma tista' titlob investigazzjoni biss jekk hi tkun dik li għamlet ir-rapport.

Protest kontra d-deċiżjoni ta' ċaħda tar-rapport jew kontra d-deċiżjoni li ttejjm l-investigazzjoni jista' jiġi ppreżentat fi żmien tmint ijiem mill-komunikazzjoni tad-deċiżjoni. Jekk l-awtorità tal-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni li tadotta d-deċiżjoni ma ssostnix il-protest, din trid tippreżentah lill-prosekutur li hu intitolat li jiġudikah. Id-deċiżjoni meħuda dwar il-protest mill-prosekutur ma tistax tkun soġġetta għal rimedji legali ulterjuri.

Kif nista' nkun involut(a) fil-proċess?

Wara n-notifika tal-akkuża, il-qorti tistabbilixxi d-*data* tal-proċess u torganizza l-proċess, kif ukoll it-taħrikiet u n-notifiki. Persuni li l-preżenza tagħhom fil-proċess tkun obbligatorja jiġiharrku biex jattendu u tintbagħat notifika lill-dawk li l-preżenza tagħhom fil-proċess hi permessa mill-liġi.

L-ordni ta' azzjonijiet evidenzjarji fil-proċess tiġi deċiża mill-qorti. Il-proċedura evidenzjarja tibda bl-interrogazzjoni tal-konvenut, u l-vittma normalment tkun l-ewwel waħda fost ix-xhieda li jridu jinstemgħu. Filwaqt li xhud ikun qed jiġi interrogat, ma jista' jkun preżenti ebda xhud ieħor li ma jkunx għadu ġie interrogat. Madankollu, deroga minn din ir-regola hi permessa f'każ ta' interrogazzjoni tal-vittma bħala xhud. Ir-rappreżentant legali tal-vittma jista' jkun preżenti matul il-proċess u b'hekk il-vittma tkun tista' tiġi informata dwar kwalunkwe proċedura evidenzjarja li seħħet fl-assenza tagħha permezz tar-rappreżentant legali tagħha.

X'inhu r-rwol uffiċjali tiegħi fis-sistema ġudizzjarja? Pereżempju, jien nitqies jien nista' nagħżel li nitqies bħala: vittma, xhud, parti ċivili jew prosekutur privat?

Il-vittma tista' tieħu sehem fil-proċedimenti kriminali f'erba' rwoli skont id-dritt proċedurali, kif ġej:

xhud: persuna li tista' tkun taf bil-fatt li jrid jintwera bil-provi;

parti ċivili: vittma li tinfurza talba ċivili (spiss talba għad-danni) fil-proċedimenti kriminali;

prosekutur privat: fil-każ ta' ċerti reati kriminali stipulati bil-liġi, il-vittma tista' tirrappreżenta lill-prosekuzzjoni hi stess bħala prosekutur privat;

prosekutur privat sostitut: fil-każ ta' ċerti reati kriminali li, kieku, jkunu soġġetti għal prosekuzzjoni pubblika, kif speċifikat bil-liġi, il-vittma tista' tirrappreżenta lill-prosekutur.

Jekk jitqies li dan ikun meħtieġ għall-proċedura evidenzjarja, il-vittma tiġi obbligata tixhed jew tikkontribwixxi għall-proċedura b'modi oħra fil-każijiet u bil-mezzi definiti bil-liġi. Għall-kontrarju, deċiżjoni dwar it-teħid ta' rwol ta' parti ċivili, ta' prosekutur pubbliku jew ta' prosekutur privat sostitut hi għalkollox ir-responsabbiltà tal-vittma biss.

X'inhuma d-drittijiet u l-obbligi tiegħi f'dan ir-rwol?

F'kull stadju tal-proċedimenti kriminali, il-vittma hi intitolata li:

tkun preżenti fl-azzjonijiet proċedurali u tispezzjona d-dokumenti li jaffettwawha matul il-proċedura (sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor bil-liġi),

tressaq mozzjonijiet u oġġezzjonijiet fi kwalunkwe stadju tal-proċedura,

tirċievi informazzjoni mingħand il-qorti, il-prosekutur u l-awtorità tal-investigazzjoni rigward id-drittijiet u l-obbligi tagħha matul il-proċedimenti kriminali,

tippreżenta talba għal rimedju legali f'każijiet speċifikati bil-liġi

tiġi notifikata fuq talba tagħha b'rabta mar-reat li jikkonċernaha dwar ir-irilax jew il-ħarba ta' konvenut detenu, jew tal-konvenut sentenzjat għal priġunerija jew taħt trattament mediku involontarju.

Jekk jitqies li dan ikun meħtieġ għall-proċedura evidenzjarja mill-awtorità tal-investigazzjoni, mill-prosekuzzjoni jew mill-qorti, il-vittma tiġi obbligata tixhed jew tikkontribwixxi għall-proċedura b'mod ieħor fil-każijiet u bil-mezzi definiti bil-liġi. Dan primarjament ifisser l-issodisfar tal-obbligu li tixhed, li l-eċċezzjonijiet minnu huma każijiet li fihom il-vittma ma tkunx tista' tinstema' bħala xhud affattu (eż. privileġġ professjonali legali, iż-żamma ta' sigriet bħala persuna tal-kleru) u każijiet li fihom il-vittma tista' tiċħad milli tixhed (eż. qarib tal-konvenut, jew vittmi li jistgħu jinkriminaw lilhom infushom jew lil qrabathom).

Il-vittma tista' tieħu sehem bħala **parti ċivili** fil-proċedimenti kriminali u tista' tindika diġà sa mill-mument tar-rapportar tar-reat li hi biħsiebha tinfurza talba ċivili (tipikament talba għad-danni). L-infurzar ta' talbiet ċivili hu eżentat minn tariffi. F'dan il-każ, il-qorti tiddeċiedi dwar ir-responsabbiltà kriminali tal-konvenut u t-talba ċivili fi ħdan proċediment kriminali wieħed, li għandu l-vantaġġ għall-parti ċivili li hi ma jkollhiex għalfejn tiftaħ proċedura ċivili. Matul il-proċedimenti kriminali, il-parti ċivili tista' tressaq mozzjoni għal sekwestru kontra l-proprietà tal-konvenut jekk ikun hemm motivazzjonijiet raġonevoli għalfejn jiġi supponut li l-issodisfar tat-talba mhux se jiġihalla jiġi eżegwit.

F'każ ta' reati kriminali definiti bil-liġi (attakk, invażjoni tal-privatezza, ksar tas-segretezza ta' korrispondenza, libell, diffamazzjoni u irreverenza), il-vittma tista' taġixxi bħala **prosekutur privat**. Fil-każ tar-reati kriminali msemmija hawn fuq, il-vittma trid tirrapporta r-reat fi żmien 30 jum wara li l-vittma ssir taf bl-identità tat-trasgressur. Fir-rapport, il-vittma trid tindika kwalunkwe evidenza tar-reat, u trid tiddikjara b'mod espliċitu jekk hi titlob li tingħata piena lill-konvenut. Ir-reat jista' jiġi rrapportat quddiem il-qorti b'mod orali jew bil-miktub. Il-qorti tordna investigazzjoni jekk l-identità, id-*data* personali jew il-post ta' residenza tal-konvenut ma jkunx magħrufa, jew jekk ikun hemm bżonn li jinstabu l-mezzi tal-evidenza. Il-qorti ttejjm il-proċedimenti jekk l-identità tat-trasgressur ma tkunx tista' tiġi determinata matul l-investigazzjoni.

Il-qorti tiffissa seduta personali li fiha hi tieħu impenn li tirrikonċilja lill-vittma u lill-konvenut. Jekk it-tentattiv ta' rikonċiljazzjoni jirnexxi, il-qorti ttejjm il-proċedimenti; inkella, il-proċedimenti jkomplu bi proċess pubbliku.

Jekk il-vittma tirtira jew twaqqaq l-kawża, il-proċedimenti jintemmu. Japplikaw konsegwenzi simili jekk il-vittma ma tattendix għas-seduta personali jew għall-proċess u tonqos milli tipprovi skuża sostanzjali minn qabel, jew jekk il-vittma ma tkunx tista' titħarrek għalfejn ma rrapportax li biddlet l-indirizz.

Il-prosekutur privat għandu d-drittijiet sħaħ li tinvolvi r-rappreżentazzjoni tal-prosekuzzjoni, inklużi d-drittijiet li jistgħu jiġu eżerċitati matul il-proċedimenti u d-dritt għal rimedju legali kontra d-deċiżjonijiet meħuda mill-qorti.

Wara l-eżawriment tal-possibbiltajiet għal rimedju legali disponibbli matul l-investigazzjoni, f'xi każijiet hu possibbli li l-vittma taġixxi bħala **prosekutur privat sostitut** u tirrappreżenta t-tali kawżi il-qorti hi stess. Fost każijiet oħra, int tista' taġixxi bħala prosekutur privat sostitut jekk ir-rapport tar-reat ġie miċħud jew l-investigazzjoni ġiet mitmuma minħabba li l-azzjoni ma kinitx reat kriminali jew teżisti kwalunkwe raġuni għal preklużjoni ta' punibbiltà (eż. koerċizzjoni, theddida, difiża leġittima jew periklu imminenti). Jekk f'każ speċifiku jkun possibbli li wieħed jaġixxi bħala prosekutur privat sostitut skont il-liġi, il-prosekutur li jiddeċiedi dwar il-protest jinforma lill-vittma b'mod speċifiku dwar dan.

Jekk il-protest jiġi miċħud minħabba ċ-ċaħda tar-rapport jew it-terminazzjoni tal-investigazzjoni, il-vittma tiftalla teżamina d-dokumenti li jappartjenu għar-reat kriminali mwettaq kontra l-vittma fil-bini uffiċjali tal-uffiċċju tal-prosekutur. Vittma li taġixxi bħala prosekutur privat pubbliku tista' tressaq mozzjoni għall-prosekuzzjoni tal-uffiċċju tal-prosekutur tal-ewwel istanza li jkun ipproċeda fil-kawża fi ħdan sittin jum miċ-ċaħda tal-protest tagħha. Ir-rappreżentazzjoni legali (minn avukat) tal-prosekutur privat sostitut hi obbligatorja. L-aċċettabbiltà tal-mozzjoni għall-prosekuzzjoni tiġi deċiża mill-qorti.

Nista' nagħmel stqarrija matul il-proċess jew nagħti x-xhieda tiegħi? Taħt liema kundizzjonijiet?

Il-vittma hi intitolata li tinstema' matul il-proċedimenti kriminali. F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-liġi, il-vittma mhix biss obbligata, iżda wkoll intitolata, li tikkopera bid-diskrezzjoni tagħha fil-proċedura evidenzjarja. Il-vittma tista' tixhed u tista' wkoll tippreżenta l-evidenza b'modi oħra (eż. billi tipprovi evidenza dokumentarja lill-awtorità). Il-vittma tista' tressaq mozzjonijiet u oġġezzjonijiet fi kwalunkwe stadju tal-proċedura. Ġeneralment, minn fost ix-xhieda, il-vittma tiġi interrogata l-ewwel.

Wara li l-prosekutur jikkontribwixxi għall-prosekuzzjoni, il-vittma tista' tindirizza lill-Qorti u tista' tiddikjara jekk hi tixtieqx titlob li jiġu stabbiliti r-responsabbiltà kriminali u l-piena tal-konvenut. Il-parti ċivili tista' tagħmel dikjarazzjoni b'rabta mat-talba ċivili li hemm il-pjan li tiġi infurzata.

X'informazzjoni nirċievi matul il-proċess?

Qabel il-proċess, ix-xhud imħarreġ għall-proċess jista' jikkuntattja lil sostenitur tax-xhud tal-qorti għal informazzjoni eżatta. Is-sostenitur ta' xhud tal-qorti hu amministratur ġudizzjarju li jipprovi informazzjoni lix-xhud dwar kif jixhed u jiffaċilita l-attenzja neċessarja għax-xhieda. L-appoġġ lix-xhieda ma jkoprix informazzjoni dwar il-kawża u ma jistax ikollu l-effett li jinfluwenza lix-xhud.

Fil-proċedimenti kriminali, il-vittma tkun intitolata li tirċievi informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħha u dwar il-kawża u, sakemm ma jkunx stipulat b'mod ieħor bil-liġi, li tkun preżenti fl-azzjonijiet proċedurali u li tispezzjona d-dokumenti dwar ir-reat imwettaq kontrieha u li tirċievi kopji wara li tiġi konkluża l-investigazzjoni.

Il-vittma trid tiġi informata dwar l-akkuża u trid tiġi notifikata dwar kwalunkwe deċiżjoni li tikkonċernaha kif ukoll dwar id-deċiżjoni konklużiva.

Inkun nista' nikseb aċċess għall-fajls tal-qorti?

Il-vittma tkun intitolata li tispezzjona d-dokumenti dwar ir-reat imwettaq kontrieha u tirċievi kopji fi kwalunkwe mument wara l-konklużjoni tal-investigazzjoni.

Il-qorti trid tiżgura d-dritt ta' spezzjonar tad-dokumenti b'tali mod li tevita divulgazzjoni żejda ta' *data* dwar il-privatezza. Madankollu, il-ħruġ ta' kopji ta' dokumenti jista' jiġi limitat biss fuq il-bażi ta' raġunijiet relatati mad-dinjità tal-bniedem, mad-drittijiet tal-personalità u mad-dritt ta' reverenza.

L-aħħar aġġornament: 04/09/2018

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

3 - Id-drittijiet tiegħi wara l-proċess

Nista' nappella kontra d-deċiżjoni?

Il-vittma tista' tappella kontra s-sentenza jekk hi tkun ukoll prosekutur privat sostitut, prosekutur privat jew parti ċivili, jew jekk is-sentenza jkun fiha dispożizzjoni li tippermetti appelli. Il-parti ċivili tista' tippreżenta appell kontra d-dispożizzjoni li taġġudika t-talba ċivili fil-merti tagħha. Jekk ikun hemm xi dispożizzjoni oħra inkluża fis-sentenza li tikkonċerna lill-vittma, din tista' tappella kontra t-tali dispożizzjonijiet.

X'inhuma d-drittijiet tiegħi wara li tinqata' s-sentenza?

Jekk jiġi ppreżentat appell kontra s-sentenza fl-ewwel jew fit-tieni istanza, il-vittma tkun intitolata li tkun preżenti matul il-proċess u s-sessjoni pubblika li ssir quddiem il-qorti tat-tieni jew tat-tielet istanza, li taċċessa d-dokumenti pprovduti matul il-proċedimenti, li tippreżenta mozzjonijiet u oġġezzjonijiet, u li tindirizza lill-qorti wara l-argument tal-għeluq tal-prosekutur pubbliku.

Inkun intitolat(a) għal appoġġ jew għal protezzjoni wara l-proċess? Għal kemm żmien?

It-tweġiba għal din il-mistoqsija f'dak li għandu x'jaqsam mal-appoġġ għall-vittmi taqa' fir-responsabbiltajiet tad-Deputat Segretarjat tal-Istat għall-Ġustizzja u għal-Leġiżlazzjoni tad-Dritt Privat tal-Ministeru tal-Ġustizzja u tad-Deputat Segretarju tal-Istat għall-Ġestjoni tal-Metodoloġija tal-Ġustizzja tal-Ministeru tal-Ġustizzja, filwaqt li fir-rigward tal-protezzjoni tal-vittmi din taqa' fir-responsabbiltajiet tal-Ministeru tal-Intern.

X'informazzjoni ningħata jekk it-trasgressur jiġi sentenzjat?

Il-ġudizzju, li minnu l-vittma tista' ssir taf x'inhu l-kontenut tas-sentenza, jiġifieri n-natura, it-tip, il-firxa u l-kontenut tal-piena jew tal-miżuri imposti kontra l-konvenut, irid jiġi notifikat lill-vittma mill-qorti.

Se nkun infurmat jekk it-trasgressur jinħeles (inkluż ħelsien kmieni jew kundizzjonali) jew jaħrab mill-ħabs?

Il-vittma jew, fil-każ ta' mewtha, il-persuna li teżerċita drittijietha, hi intitolata li tkun informata malli tagħmel talba dwar dawn li ġejjin b'rabta mar-reat li jikkonċerna lill-vittma:

- il-ħelsien jew il-ħarba tal-konvenut minn detenzjoni ta' qabel il-proċess,
- il-libertà kondizzjonali jew ir-rilaxx finali jew il-ħarba kif ukoll l-interruzzjoni tal-eżekuzzjoni tat-terminu tal-priġunerija tal-persuna sentenzjata għal terminu ta' priġunerija,
- ir-rilaxx jew il-ħarba tal-persuna sentenzjata għal arrest taħt kustodja kif ukoll l-interruzzjoni tal-eżekuzzjoni tal-arrest taħt kustodja,
- ir-rilaxx jew il-ħarba tal-persuna taħt trattament mediku involontarju temporanju,
- ir-rilaxx, it-tluq bla permess u l-liv ta' adattament tal-persuna taħt trattament mediku involontarju, u
- fil-każ ta' edukazzjoni għal trasgressuri żgħażaġh, il-ħelsien temporanju jew permanenti, it-tluq mill-istituzzjoni mingħajr permess u l-interruzzjoni tal-edukazzjoni ta' trasgressuri żgħażaġh.

Inkun involut(a) f'deċiżjonijiet dwar ħelsien jew parole? Pereżempju, nista' nagħmel stqarrija jew nippreżenta appell?

L-aħħar jum tal-priġunerija jiġi ddeterminat mill-istituzzjoni penali u, dakinhar, din torganizza l-ħelsien tal-persuna kundannata. Jekk l-istituzzjoni penali tippreżenta mozzjoni għal-libertà provviżorja tal-persuna kundannata, l-imħallef li jagħti l-piena jorganizza smiġh li dwaru ma tiġix notifikata l-vittma u li fiha din ma tistax tiegħu sehem. Il-vittma ma tistax tagħmel dikjarazzjoni u ma tistax tappella kontra d-deċiżjoni tal-qorti meħuda rigward il-libertà kondizzjonali.

L-aħħar aġġornament: 04/09/2018

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

4 - Kumpens

X'inhu l-proċedura biex nitlob kumpens mingħand it-trasgressur? (pereż. kawża l-qorti, talba ċivili, proċedura ta' adeżjoni)

Primarjament fi ħdan il-proċedimenti kriminali, il-vittma tista' tinforza t-talba tagħha għad-danni li jirriżultaw bħala konsegwenza tal-att soġġett għall-akkuża bħala pretendent ċivili. F'dan il-każ, il-proċedura mwettqa bħala parti mill-proċedimenti kriminali għall-infurzar ta' talba ċivili tissejjaħ proċedura ta' adeżjoni. It-talbiet ċivili jistgħu jiġu inforzati b'mezzi legali oħra wkoll. Il-fatt li l-vittma ma ħadix azzjoni bħala pretendent ċivili ma jipprekludix il-possibbiltà ta' infurzar tat-talba. Fil-kundizzjonijiet speċifikati fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, talba ċivili tista' tiġi infurzata wkoll mill-prosekutur minflok mill-vittma.

Il-qorti ordnat lit-trasgressur biex iħallasni d-danni / kumpens. Kif nista' niżgura li t-trasgressur iħallas?

Il-proċedimenti ta' infurzar jistgħu jitnedew fi żmien 30 jum mill-iskadenza tal-issodisfar tal-obbligi stabbiliti mill-qorti. F'dan ir-rigward, il-qorti tofroj fajl ta' infurzar fuq il-bażi tal-parti tad-deċiżjoni meħuda fil-proċedimenti kriminali li tikkonċerna t-talba ċivili.

Jekk it-trasgressur ma jħallasx, jista' l-Istat iħallasni avvanz? Taħt liema kundizzjonijiet?

L-istat ma jistax iħallsek avvanz. Madankollu, jekk twettaq reat kriminali vjolenti intenzjonat kontrik u, bħala konsegwenza ta' dan, int korrejt fiżikament u saħħteġ ġiet affettwata b'mod ħażin, int tista' tirċievi kumpens mingħand l-istat. Il-kumpens mill-istat hu indipendenti mit-talba ċivili, iżda jekk it-telf jew id-danni tiegħek jiġu kkompensati minn sorsi oħra (pereż. minn qorti jew minn assigurat) fi żmien tliet snin mid-data meta saret finali d-deċiżjoni dwar il-merti tal-applikazzjoni tiegħek għal kumpens, int tkun meħtieġ(a) trodd lura l-kumpens imħallas mill-istat.

Jien intitolat(a) għal kumpens mill-istat?

Int intitolat(a) għal kumpens mill-istat jekk jitwettaq reat kriminali vjolenti intenzjonat kontrik li riżulta f'dannu serju għall-integrità u għas-saħħa fiżiċi tiegħek.

Int tista' tkun intitolat ukoll għal kumpens mill-Istat jekk int qarib li tiġi mill-viċin jew dipendenti tat-tali vittma jew jekk int ħallast għall-funeral tal-vittma deċeduta.

Huma biss vittmi li jinsabu fil-bżonn skont is-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom jew kundizzjonijiet oħra stabbiliti bil-liġi li jistgħu jkunu eliġibbli għal kumpens mill-istat.

Int tista' tippreżenta l-applikazzjoni tiegħek għal kumpens mill-istat lil kwalunkwe servizz ta' appoġġ għall-vittmi (uffiċċju distrettwali tal-gvern). Meta tiddeċiedi dwar l-applikazzjoni tiegħek, l-awtorità teżamina r-rabta kawżali bejn l-ammont tad-danni u r-reat kriminali.

Normalment, l-applikazzjonijiet għal kumpens ikunu jistgħu jiġu ppreżentati fi żmien tliet xhur mid-data li fiha jitwettaq ir-reat, u l-ammont massimu ta' kumpens fl-2017 hu ta' HUF 1 599 105.

Jien inkun intitolat(a) għal kumpens jekk it-trasgressur ma jiġix ikkundannat?

Jekk ir-rapport kriminali tiegħek jiġi rifjutat, l-investigazzjoni tintemm jew il-konvenut jiġi lliberat mill-akkużi fuq il-bażi ta' esklużjoni speċifikata mil-liġi (jiġifieri: taħt l-età, inkapaċità mentali serja, koerċizzjoni jew theddid, żball, difiża leġittima, neċessità estrema jew kmand mingħand persuna superjuri), int tkun intitolat (a) għal kumpens mill-istat.

Il-kumpens mill-istat hu indipendenti mit-talba ċivili, iżda jekk it-telf jew id-danni tiegħek jiġu kkompensati minn sorsi oħra (pereż. minn qorti jew minn assigurat) fi żmien tliet snin mid-data meta saret finali d-deċiżjoni dwar il-merti tal-applikazzjoni tiegħek għal kumpens, int tkun meħtieġ(a) trodd lura l-kumpens imħallas mill-istat.

Jekk tinfurza d-dritt ċivili tiegħek barra mill-proċedimenti kriminali, il-kwistjoni ta' responsabbiltà kriminali u dik ta' kumpens isiru separati minn xulxin, jiġifieri, iż-żewġ proċedimenti jistgħu jwasslu għal sentenzi b'kontenut differenti.

Jien intitolat(a) għal flus ta' emerġenza waqt li nkun qed nistenna d-deċiżjoni dwar it-talba tiegħi għall-kumpens?

Bħala vittma ta' reat jew ta' trasgressjoni, int tista' tkun intitolat(a) għall-flus ta' għajjnuna monetarja istantanja għall-fini ta' rimedjar tas-sitwazzjoni ta' kriżi f'perjodu qasir ħafna wara r-reat jew it-trasgressjoni. Int tista' tippreżenta l-applikazzjoni tiegħek lis-servizz ta' appoġġ għall-vittmi (l-uffiċċju distrettwali tal-gvern), u l-kundizzjoni għar-riċevuta tal-kumpens hi li r-reat jiġi rapportat lill-pulizija. Il-flus tal-għajjnuna monetarja istantanja jiġi deċiż fuq il-bażi tal-prinċipju ta' ugwaljanza u jista' jiġi pprovdut lill-vittmi bla ma jiġi vvalutat jekk humiex fil-bżonn. Madankollu, matul il-proċedimenti, irid jiġi eżaminat jekk iċ-ċirkustanzi personali tal-vittma li jirriżultaw mir-reat kriminali jiġġustifikawx dan it-tip ta' għajjnuna monetarja. L-għajjnuna monetarja istantanja mhix kumpens u mhix maħsuba biex tikkompensa jew timmitiga d-dannu kkawżat mir-reat kriminali. Tista' tiġi pprovduta għall-kopertura tal-ispejjeż tal-ikel, tal-akkomodazzjoni, tal-ivvjaġġar, tal-ilbies, tal-mediċini u tal-funeral tal-vittma. L-ammont tal-għajjnuna monetarja istantanja jiġi determinat fuq il-bażi tas-sitwazzjoni tal-vittma li tirriżulta mir-reat kriminali u mit-tul ta' żmien li matulu l-vittma ma tkunx tista' ssolvi l-problemi finanzjarji tagħha waħedha. L-ammont massimu tal-għajjnuna fl-2017 hu ta' HUF 106 607.

L-aħħar aġġornament: 04/09/2018

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

5 - Id-drittijiet tiegħi f'dak li għandu x'jaqsam ma' appoġġ u assistenza

Jiena vittma ta' reat, lil min għandi nikkuntattja għall-appoġġ u għall-assistenza?

Jekk int sfajt vittma ta' reat, tista' tirrapportah fl-eqreb għassa tal-pulizija jew billi ċċempel fuq in-numri ta' emerġenza 107 jew 112.

Il-persunal tas-Servizz ta' Appoġġ għall-Vittmi mmexxi mill-istat u tas-Servizz ta' Għajjnuna Legali jista' jassistik fl-eqreb uffiċċju distrettwali tal-gvern. Il-persunal tal-Linja freephone ta' Appoġġ għall-Vittmi (Áldozatsegítő Vonal) (+36-80-225-225) jipprovdi għajjnuna immedjata permezz tat-telefown 24 siegħa kuljum fl-Ungerija.

Is-Servizz Telefoniku Nazzjonali ta' Informazzjoni dwar Kriżijiet (Országos Kríziskezelő és Információs Telefonszolgálat, OKIT, http://www.ncsszi.hu/national-institute-for-family_youth-and-population-policy) jipprovdi għajjnuna b'mod speċifiku għall-vittmi ta' vjolenza domestika, ta' vjolenza bejn qraba, ta' abbuż fuq it-tfal kif ukoll ta' prostituzzjoni u ta' traffikar tal-bnedmin permezz tan-numru tat-telefown +36-80-205-520.

Hotline ta' appoġġ għall-vittmi

Pulizija: **107**

Numru ġenerali ta' emerġenza: **112**

Xhieda bit-Telefown (Telefontanú): **+36-80-555-111** (fejn tista' tirrapporta reati b'mod anonimu)

Linja ta' Appoġġ għall-Vittmi (Áldozatsegítő Vonal): **+36-80-225-225** (numru freephone li tista' ċċempel fuqu 24 siegħa kuljum fl-Ungerija)

Servizz Telefoniku Nazzjonali ta' Informazzjoni dwar Kriżijiet (Országos Kríziskezelő és Információs Telefonszolgálat) **+36-80-205-520**

L-NGO NANE li hi Assoċjazzjoni tad-Drittijiet tan-Nisa (NÁ k a NÁ kért Együtt az Erőszak Ellen Egyesület):

+36-80-505-101 (helpline għal nisa u għal tfal abbużati; tista' ċċempel fuqu mingħajr flus, permezz tal-mowbajl ukoll, nhar ta' Tnejn, Tlieta, Ħamis u Ġimgħa bejn is-6 p.m. u l-10 p.m.)

+36-40-603-006 (għal vittmi ta' vjolenza sesswali, tista' ċċempel fuqu nhar ta' Ġimgħa bejn l-10 a.m u s-2 p.m. bit-tariffi lokali)

L-Assoċjazzjoni Patent (Patent Egyesület): +36-70-25-25-254 (servizz ta' għajjnuna legali bit-telefown fi kwistjonijiet legali u psikoloġiċi essenzjali għal nisa li jgħixu f'relazzjoni abbużiva, li tista' ċċempel fuqu nhar ta' Erbgħa bejn l-4 p.m. u s-6 p.m.)

L-appoġġ għall-vittmi hu mingħajr flus?

Il-proċeduri ta' appoġġ għall-vittmi huma aċċessibbli mingħajr tariffi u mingħajr flus. Jekk ma tafx titkellem bl-Ungeriż jew għandek bżonn ta' interpretu tal-lingwa tas-sinjali minħabba diżabbiltajiet relatati mal-komunikazzjoni, l-ispejjeż tat-traduzzjoni u tal-intepretazzjoni jiġġarrbu mill-istat.

X'tipi ta' appoġġ nista' nriċievi mingħand is-servizzi jew l-awtoritajiet tal-Istat?

Is-Servizz ta' Appoġġ għall-Vittmi (Áldozatsegítő Szolgálat) jista'

jinformak dwar id-drittijiet, l-obbligi u l-possibbiltajiet tiegħek,

jiprovdi informazzjoni dwar is-servizzi ta' protezzjoni soċjali, is-servizzi tal-kura tas-saħħa u l-benefiċċji tal-assigurazzjoni tas-saħħa,

jiprovdi għajjnuna monetarja istantanja (fi żmien ħamest ijiem mid-data tat-tweetiq tar-reat relatat),

jiprovdi appoġġ emottiv (inkluża assistenza psikoloġika jekk meħtieġa),

jiprovdi pariri legali u għajjnuna Prattika f'każijiet sempliċi,

jikkonferma l-istatus tiegħek bħala vittma,

minbarra dan li ntqal hawn fuq, persuni li jkorru serjament u qraba ta' vittmi deċeduti minħabba reati kriminali vjolenti jistgħu japplikaw għal kumpens mingħand l-istat.

Is-Servizz Telefoniku Nazzjonali ta' Informazzjoni dwar Kriżijiet (Országos Kríziskezelő és Információs Telefonszolgálat) jista'

jiprovdi assistenza immedjata liċ-ċittadini (l-aktar lin-nisa u lit-tfal) li jkunu f'sitwazzjonijiet ta' kriżi serja minħabba abbuż,

akkomodazzjoni immedjata sigura f'ċentri ta' kenn sikuri għal persuni fil-bżonn wara konsultazzjoni. Dan se jiġi żgurat f'ċentri ta' kriżi fejn l-akkomodazzjoni tkun garantita għal 30 jum iżda, fejn tkun ġustifikata, tista' tiġi estiża bi 30 jum addizzjonali. L-akkomodazzjoni hi pprovduta mingħajr ħlas, u bħala parti mill-kura pprovduta, l-ispeċjalisti taċ-ċentru tal-kriżi jgħinu biex tinstab soluzzjoni sikura fit-tul għall-problema, u dawn jidhru wkoll f'kuntatt mal-assistent tal-familja tas-Servizz rilevanti ta' Appoġġ għall-Familji u tal-Benesseri tat-Tfal.

Is-Servizz ta' Għajjuna Legali (Jogi Segítségnyújtó Szolgálat)

jipprovdi pariri legali f'każijiet li fihom il-fatti tal-każ ikunu pjuttost ċari,

u, jekk ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet definiti legalment, dan

jipprovdi servizzi barra l-qorti (konsulenza, editjar ta' dokumenti) mingħajr ħlas jew b'kundizzjonijiet favorevoli,

jipprovdi rappreżentazzjoni permezz ta' ħabib f'litigazzjoni fil-proċedimenti tal-qorti u fil-fażi ta' qabel il-proċess (meta l-każ jiġi investigat mill-awtorità tal-

investigazzjoni jew mill-prosekutur) tal-proċedimenti kriminali. Jekk ir-rappreżentanza permezz ta' ħabib f'litigazzjoni tkun awtorizzata, is-servizz legali propju

jiġi pprovdut minn avukati u minn ditti legali li jkunu f'relazjoni kuntrattwali mas-Servizz tal-Għajjuna Legali.

X'tipi ta' appoġġ nista' nirdievi mingħand organizzazzjonijiet mhux governattivi?

Tista' tibbaża primarjament fuq l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li ġejjin:

L-Assoċjazzjoni tal-Karità taċ-Ċurkett l-Abjad (Fehér Gyászrész Közhasznú Egyesület)

kura personali wara r-reat,

għajjuna legali mingħajr ħlas,

medjazzjoni mingħajr ħlas,

assistenza psikoloġika mingħajr ħlas,

appoġġ finanzjarju lil dawk li jkunu fil-bżonn (biss jekk ir-reat jiġi rapportat lill-pulizija),

assistenza fil-proċedimenti ta' awtoritajiet oħra,

medjazzjoni ta' appoġġ iprovduta minn organizzazzjonijiet u minn istituzzjonijiet oħra.

L-NGO NANE li hi Assoċjazzjoni tad-Drittijiet tan-Nisa (NÁk a NÁkért Együtt az ErÁszak Ellen Egyesület):

il-provvista ta' informazzjoni,

għajjuna Prattika immedjata lil dawk li jinsabu fi kriżi (pereż. tqegħid f'ċentri ta' kenn għan-nisa, notifika lill-awtoritajiet, pariri dwar azzjonijiet u possibiltajiet),

sessjonijiet fi grupp,

għajjuna leali (permezz ta' pariri legali jekk ikunu meħtieġa).

L-NGO ESZTER Ambulanza (ESZTER Alapítvány és Ambulancia):

assistenza psikoloġika,

għajjuna legali,

L-Assoċjazzjoni Patent (Patent Egyesület):

informazzjoni u pariri,

l-iżgurar ta' konsultazzjonijiet ta' sfond ma' psikologu jew ma' assistent soċjali,

l-għoti ta' għajjuna legali lil nisa abbużati kif ukoll lil vittmi ta' vjolenza u ta' diskriminazzjoni sessisti.

Il-Fondazzjoni tal-Modi Anonimi (Névtelen Utak Alapítvány):

akkomodazzjoni sikura,

riabilitazzjoni,

riintegrazzjoni.

L-aħħar aġġornament: 04/09/2018

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.